MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2005

Appell Civili Numru. 1440/2004/1

**Zammit & Cachia Trading Co. Ltd., Joseph Calleja & Sons Ltd., Antonia Cachia & Co. Ltd., Antonio Mallia, John u Joseph Curmi li flimkien kienu jesercitaw l-kummerc taht l-isem Bulk Fruit Distributors**

**vs**

**Francis Mizzi**

**Il-Qorti,**

Fit-18 ta' April 2005 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Ra l-Avviz li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas elf erba' mija u tmienja u hamsin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm1,458.37c) rapprezentanti

prezz ta' konsenja banana mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

a. Li l-atturi ghandhom igibu prova li l-Bulk Fruit Distributors ghadhom illum jezercitaw il-kummerc.

b. Li l-atturi ghandhom jipprezentaw l-*invoices*, u

c. Li l-ammont mitlub mhux dovut.

Ra li fis-seduta tal-11 ta' Novembru, 2004 il-konvenut talab li jressaq eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni.

B'Nota tal-14 ta' Novembru, 2004 il-konvenut eccepixxa ulterjorment il-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Ra n-Noti rispettivi tal-partijiet.

Ra l-Artikolu 2160(1) u 2160(2) tal-Kap. 16.

Ra li meta gie mistoqsi jekk hux debitur ta' l-atturi l-konvenut irrisponda:

*"Li l-banana waslet f'kundizzjoni u cjoe' mhux kif suppost. Ghalhekk jiena ma hallastx."*

L-*invoice* in kwistjoni hija datata 14 t'Ottubru, 1983. Illi ma giet esebita l-ebda Ittra Ufficjali u jirrizulta li kien hemm dekorriment tal-perjodu preskrittiv. Il-kawza giet ipprezentata biss fit-13 ta' Lulju, 2004.

L-atturi jghidu li billi l-konvenut meta gie mistoqsi jekk hux debitur irrisponda li ma kienx hallas ghaliex il-banana ma kienetx fi stat tajjeb hemm ammissjoni li huwa debitur u ghalhekk l-azzjoni m'hijiex preskritta.

Il-konvenut jissottometti li l-gurament ma nghatax skond kif titlob il-ligi u ghalhekk *“dan ghandu jitqies null u minghajr effett”*. Illi kull ma ntalab lill-konvenut huwa biex jghid jekk hux debitur ta’ l-atturi. Ma sar ebda ndagini iehor jew diskussjoni.

Illi ma ntalabx l-isfilz tax-xhieda tal-konvenut.

L-**Artikolu 2160(1)** jghid:

*“Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m’ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li m’humiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa.”*

Illi l-konvenut ma qalx li huwa debitur ta’ l-atturi. Ma qalx li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa. Qal li l-banana ma waslitx f’kundizzjoni tajba u ghalhekk ma hallasx. It-Tribunal jifhem li ghalhekk il-konvenut kien qed jghid li mhux debitur. Fil-kawza **Mifsud Vs Decelis 28/2/1921 Vol. XXIV-1-677** intqal:

*“Se quindi il debitore avesse confessato anche indirettamente di non aver pagato il debito, che risultasse veramente dovuto, egli non puo’ opporre la prescrizione suddetta.”*

Illi f’dan il-kaz il-konvenut m’accettax li l-ammont huwa fil-fatt dovut. Anzi cahad li huwa dovut. Illi r-rikonoxximent ghall-iskop ta’ l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni hi konfigurabbli mill-koezistenza ta’:

a. Il-volontarjeta’.

b. Ix-xjenza tad-debitu fil-konvenut.

c. L-inekwivocita’, u

d. L-esternazzjoni tar-rikonoxximent permezz ta’ dikjarazzjonijiet u minn kwalunkwe fatt iehor li jimplika

ammissjoni, per ezempju, l-weghda tal-hlas, xi rikjesta biex jinghata dilazzjoni tal-pagament, u l-hlas akkont.

**(Ara Kollez. Vol. XXIX p.755; Vol XLIII p.744 Victor Calleja noe Vs Nazzareno Vassallo et noe Appell 5/10/1998).**

L-indagini biex tigi stabbilita jekk certu fatt jew dikjarazzjoni jikkostitwixxix rikonjizzjoni tad-dejn jirrientra fil-qafas tal-poter diskrezzjonali tal-Gudikant. **(Ara Cassar Vs Muscat 28/4/2004 Appell Inf Imhallef Philip Sciberras)**.

Meta xehed il-konvenut ma wriex li jaf li hu debitur anzi sostna li ma kellux ihallas ghaliex il-banana ma gietx ikkonsenjata kif suppost.

Ghaldaqstant jilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u jiddikjara li l-azzjoni attrici hi preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz kull parti jhallas l-ispejjez tieghu."

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` attrici b' kontestazzjoni dwar il-mod kif it-Tribunal interpreta diskors il-konvenut meta gie lilu deferit il-gurament biex tigi kombattuta l-preskrizzjoni kwinkwennali minnu eccepita fit-termini ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili;

F' materja ta' preskrizzjonijiet jinsab profess fis-sentenza "**Hilda Bartolo *et* -vs- Giuseppina Zammit *et***", Qorti Civili, Prim' Awla, 13 ta' Jannar 1953 illi, "kif tigi opposta l-preskrizzjoni, l-attur jista' jikkombattiha jew billi jaghti l-gurament lill-konvenut, jew b' xi wiehed mill-mezzi fuq imsemmijin, jigifieri inammisibilita`, interruzzjoni jew sospensjoni tal-preskrizzjoni". F' dan il-kas is-socjeta` attrici ghazlet il-mezz tal-*giuramento decisorio* definit fl-Artikolu 2160 (1) tal-Kodici Civili;

Il-precitat artikolu tal-ligi jipprovdi li, "il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m' ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa";

Fil-kumment tieghu fid-decizjoni fl-ismijiet "**Avv. Dr. Filippo Buttigieg -vs- Domenico Azzopardi**", Qorti Civili, Prim' Awla, 11 ta' Dicembru 1947, l-Onor. Imhallef Tancred Gouder jenuncja illi, "id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 2265 (illum 2160) tal-Kodici Civili taghna hija dissimili mid-disposizzjoni analoga tal-Kodici Civili Taljan. Ghal dak il-Kodici, di fatti, il-gurament deferit lid-debitur li jopponi dawn il-preskrizzjonijiet brevi, huwa intiz biex jigi accertat jekk realment kienx hemm l-estinzjoni tad-debitu; mentri skond il-Kodici Civili taghna l-formula tal-gurament li jigi deferit lill-pretiz debitur hija dik li mhux debitur, jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa. L-ewwel parti tikkomprendi tant l-mankanza, ghal kull raguni, kemm l-estinzjoni ta' l-obbligazzjoni bil-hlas; it-tieni parti tissupponi l-obbligazzjoni u tpoggi fi kwestjoni l-estinzjoni taghha …. Ghalhekk filwaqt li ghall-Kodici Taljan dawn il-preskrizzjonijiet brevi huma bazati fuq il-prezunzjoni tal-pagament tad-debitur, skond il-Kodici taghna dawn l-istess preskrizzjonijiet jistghu jigu eccepiti anki mal-kontestazzjoni tad-debitu";

Issokta jigi precizat mill-istess Imhallef insenji fis-sentenza "**Vincenzo Cauchi -vs- Giovanni Scerri**", Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Ottubru 1955, illi "fil-kaz li d-debitur jaghzel li jahlef skond l-ewwel alternattiva, l-eccezzjoni ma tistax tigi akkolta jekk ma jahlefx li mhux debitur. Jekk hu jahlef li ma jafx li ghandu jaghti, il-gurament tieghu ma jiswiex biex isostni l-preskrizzjoni, ghax li ma jafux li l-haga ghadha dovuta jistghu jahilfu biss il-werrieta tal-persuna li taghha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew l-ohrajn li l-jeddijiet taghhom ikunu gejjin minn dik il-persuna";

Ghall-kompletezza tal-kwadru fuq din it-tematika, il-gurisprudenza taghna tipprovdi dawn ir-riljievi:-

(1) "Imiss lill-parti li kontra taghha l-preskrizzjoni tigi eccepita li tiddeferixxi l-gurament lill-eccipjent. Jekk hi ma tiddeferrix l-gurament il-Qorti ma tistax tordnah *ex officio*" - "**Diego Attard *et nomine* -vs- Angelo Fenech**", Appell Kummercjali, 15 ta' Frar 1965;

(2) "Bhala regola generali d-dilazzjoni ta' dan il-gurament, minhabba n-natura tieghu, ghandha ssir wara li jkunu gew maghrufa l-kwestjonijiet jekk kienx hemm interruzzjoni, jew sospensjoni jew rinunzja tal-preskrizzjoni li tkun giet eccepita, u mhux qabel" - "**Inginier Francesco M. Caruana -vs- Konti Francesco Sant Cassia *et nomine***", Appell Civili, 11 ta' Ottubru 1940;

(3) "Jekk l-attur jaghzel il-mezz tal-gurament, u l-konvenut ikun halef skond il-ligi, l-attur ma jkunx jista' jaghzel mezz iehor, billi meta l-kreditur jitlob li jinghata lid-debitur il-gurament, dan ifisser li hu qieghed jirritjieni bhala ammissibbli l-preskrizzjoni eccepita u li ma kienx hemm sospensjoni jew interruzzjoni taghha, u li jrid jipprova l-mezz estrem tad-dilazzjoni tal-gurament. B' dan il-mezz huwa jkun qieghed jirrimetti ruhu fil-kuxjenza tad-debitur" - "**Vincenzo Vella -vs- Carmela armla Sciberras**", Qorti Civili, Prim' Awla, 16 ta' Jannar 1963; "**Salvatore Jacono -vs- Vincenza *vedova* Serra**", Appell Civili, 4 ta' Frar 1927;

(4) "Il-formula tal-gurament hi inalterabbli u l-allegat kreditur ma jistax joqghod jitlob spjegazzjonijiet ohra lill-konvenut, bhal per ezempju l-kawza ta' l-estinzjoni, imma ghandu joqghod strettament ghall-formula tal-gurament, li ghal dik li jirrigwarda l-allegat debitur hi wahda jew l-ohra mit-tnejn specifikati fl-Artikolu 2265 (1) [illum 2160 91)] Kodici Civili - "**Tabib Principali tal-Gvern -vs- Giorgina Muscat**", Appell Inferjuri, 8 ta' Marzu 1978;

Premessi dawn l-insenjamenti gurisprudenzjali, jokkorri li jigu riprodotti l-kliem testwali tal-konvenut meta gie lilu deferit il-gurament:-

"Mistoqsi jekk jiena debitur tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' elf erba' mija u tmienja u hamsin lira Maltija u sebgha u tletin centezmu (Lm1458.37,0) nghid li ahna hadna hafna xoghol minghandhom u dejjem hallasnihom pero` din il-banana waslet f' kundizzjoni mhux kif suppost. Ghalhekk jiena ma hallastx";

it-Tribunal filwaqt li ssenjala l-fatt illi l-unika domanda posta lill-konvenut kienet dik fis-sens jekk hux debitur ta' l-atturi, interpreta mbaghad l-kliem mistqarr bhala li l-konvenut kien qed jghid li mhux debitur. Bir-rispett kollu din il-Qorti ma taqbel assolutament xejn ma' din l-interpretazzjoni u anzi ssib li din tiddifetta sew billi minn imkien fl-estratt riportat ma jirrizulta illi fil-kaz tal-partita in ezami gie mistqarr mil-konvenut illi huwa mhuwiex debitur. Pjuttost l-oppost huwa l-kaz. Il-konvenut *ex confessis* jammetti li huwa ma hallasx u offra l-ispjegazzjoni tieghu ghal dan in-nuqqas ta' pagament, allavolja ma ntalbet ebda raguni minghandu dwar dan. Biex wiehed jissellef mis-sentenza fl-ismijiet "**Dr. Toni Abela *nomine* -vs- Maurice Vassallo**", Appell, 19 ta' Mejju 2000, "li kieku l-konvenut xehed li m' ghandux jaghti flus lill-attur *nomine* u lanqas jiftakar li ghandu jtih, u waqaf hemm bla htiega ta' spjegazzjoni ulterjuri, allura l-eccezzjoni tieghu kienet certament tregi imma hawn si tratta ta' persuna li qeghda tistqarr bic-car bil-gurament taghha li ma hallsitx. Kwindi lanqas hu kaz li l-konvenut 'ma jiftakarx' li ghandu jaghti xi haga ghax hu jiftakar li ma hallas qatt";

Anke jekk il-fattispeci kienu distinti, jghodd ghal kaz dak stabbilit fid-decizjoni a **Vol. XXXVII P I p 307**, u cjoe, illi "ghall-azzjoni tal-kreditur ma tibqax opponibbli l-preskrizzjoni, jekk id-debitur b' att tieghu spontaneu ta' assunzjoni ta' certu sistema ta' difiza, ipoggi ruhu fi stat ta' fatt li jirrendi nkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-prezunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni u l-

forma permessa mil-ligi lill-kreditur biex jikkumbatti dik l-istess preskrizzjoni".

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell interpost u b' hekk thassar is-sentenza appellata li laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut. Fit-termini ta' l-Artikolu 8(4) tal-Kapitolu 380 tiddifferixxi l-kawza ghall-25 ta' Jannar, 2006 ghat-trattazzjoni tal-meritu u ta' l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut. L-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------